Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8 – It-Tlieta, 2 t'Ottubru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Stephen Mercieca | Kunsillier |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-lagħqa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 7 u tal-laqgħa ad Hoc li saret nhar id-19 ta' Settembru, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 14 ta' Settembru – kommunikazzjoni bejn is-Sindku u Ms. Bernardette Merċieca mis-SCH rigward l-approvazzjoni biex jitkompla x-xogħol fuq l-Għajn tal-Ħasselin. Fis-26 ta' Settembru, il-Kunsill irċieva bil-miktub l-approvazzjoni biex jitkompla dan ix-xogħol. Il-perit Scerri se jieħu ħsieb li jitfa l-emenda tal-pjanti lill-MEPA, biex l-Għajn tinbena fuq r-ritratt tal-Għajn l-antika kif ukoll xi amendi oħra.
   - Laqgħa bejn is-Segretarji Eżekuttivi f'Għawdex fuq is-sigurta` fil-Playingfields li saret fis-sala tal-uffiċċju tal-Kunsill t'Għajnsielem. L-MCCA se tagħmel it-tieni spezzjoni fuq il-playingfields mal-persuna responsabbli mil-Kunsill fix-xhur li ġejjin, fejn wara jintbagħat rapport lill-Kunsill. Fil-każ tal-Kunsill t'Għajnsielem, is-Sindku huwa l-persuna responsabbli.
   - Email mingħand Sjr Katya Scicluna mill-Gozo Action Group rigward l-applikazzjoni tal-Measure 313 biex ngħidu l-iżviluppi tal-permess tal-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha twieġeb lil Katya Scicluna fuq dan il-punt.

- Stedina mill-programm Xarabank fejn stiednu lill-Kunsilli biex individwalment jagħmlu promozzjoni tal-lokalita' tiegħu kif ukoll tal-attivitajiet li jkun qed jorganizza. Il-Kunsill qabel li jieħu nota ta' din l-email u jikkorrisponda mat-team ta' Xarabank sabiex fil-futur tintuża din l-slot.
- Programm Netoons – nitolbu sa meta hi l-skeda u meta huma l-ġranet. Il-Kunsill qabel li jiġi diskuss l-proġett tal-Għajn tal-Hasselin.
- Harġa għal-anzjani tar-raħal b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Parrokjali – il-Kunsill qabel li ssir aktar diskussjoni ma Marija Buttiġieġ biex tiġi organizza din l-ħarġa.
- Transport Malta – approvazzjoni ta' *keep clear* quddiem il-Maltapost.
- Laqgħa bejn is-Sindku mal-Madam tal-Iskola Primarja – talba biex jissaqqaf il-kuritur li jagħti għal-entratura tal-iskola. Il-Kunsill qabel li jintalab parir mill-perit Godwin Sultana għal-disinn u materjal li jista jintuża u jagħti stima tal-ispejjeż.
- Kera tal-uffiċċju antik tal-Kunsill – is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-sid il-post fejn ried li titħallas l-kera ta' Settembru, avolja l-permess ħareġ fl-14 ta' Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-avukata tal-Kunsill tiprepara ittra biex tiġi ffirmata mis-sid bħala *termination of lease.*
- Laqgħa fuq il-Belvedere mal-Perita Joanna Vella – hija aċċettat li tieħu ħsieb l-proġett. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jagħmel survey bil-livelli tal-post fejn wara jgħaddiħ lill-perita biex tibda taħdem fuq desinn.
- Laqgħa rigward il-pjan ta' Eko Għawdex għas-snin 2013 - 2015 fejn mill-MGOZ talbu lill-Kunsill għal xi suġġeriment – il-Kunsill qabel li jsir suġġeriment ta' *walking path* mil-port tal-Mġarr sal-Bajja tax-Xatt l-Aħmar li jista jitkompla sal-Bajja t'Mġarr ix-Xini.

## 4. Rendikont tal-laqgħa mac-Chairman tal-MEPA

Kif kien miftiehem fil-laqgħa preċidenti, din il-laqgħa saret nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru, fejn is-Sindku, il-Viċi Sindku, Peter Caruana, s-Segretarju Eżekuttiv u l-perit Godwin Sultana attendew. Min-naħħa tal-MEPA kien hemm preżenti, ic-Chairman, is-Sur Austin Walker, il-PRO is-Sur Peter Gingell, Head tas-Sezzjoni DNO is-Sur Martin Saliba u Head tal-Ambjent is-Sur Johnatan Henwood.

Ġiet diskussa l-Aġenda li kien ħejja l-Kunsill fejn ir-riżultat huwa hekk:

- Proġett Xatt l-Aħmar: Il-MEPA talbet illi ssir laqgħa mal-perit Lucienne Stafrace minn Transport Malta biex nieħdu parir ta' kif trid tinbena t-triq sabiex wara ssir l-applikazzjoni għal-permess fil-MEPA. Il-MEPA issuġġeriet li l-proġett jinqasam fi tnejn, fejn l-applikazzjoni għat-triq issir għaliha, u ssir applikazzjoni oħra għad-*Diving Centre*. Huma enfazizzaw li l-faċilitajiet jinżammu minimalment possibli, u li d-*diving centre* isir fuq sular wieħed flok tnejn. Wara l-laqgħa ma' Transport Malta, huma talbu lil Kunsill biex jitlob li ssir laqgħa ma' team ta tekniċi mid-Dipartiment tal-Ippjanar u Ambejnt (PDAT) fil-MEPA biex jiġi diskuss dan il-proġett.
- DNO applikazzjoni fuq il-Pjazza Madonna ta' Loreto: il-Kunsill irid iġib l-approvazzjoni minn Transport Malta biex issir il *bay lane* ta' quddiem il-Pjazza, kif ukoll l-approvazzjoni mill-KNPD fejn nuru li l-aċċessibilita ta' din l-applikazzjoni ser tkun biss fuq il-Pjazza u mhux fuq iz-zuntier. Il-Perit Sultana ġie mitlub biex

jemenda ftit l-pjanti, fejn juri b'kulur differenti s-siġar li se jinqalgħu u fejn ser jiġu mħawla.

- DNO applikazzjoni fuq il-Pjazza tad-Dehra: ma sabu l-ebda oġġezzjoni għal-din l-applikazzjoni.
- Ta' Passi: Ic-Chairman issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-KNPD minnufih biex jekk hemm xi bżonn xi amendi fil-pjanti jsiru qabel ma jibagħtu r-rapport. Is-Sindku kompla jgħid li din il-lagħqa saret biss ġimgħa wara l-lagħqa mac-Chairman, nhar it-Tnejn 2 t'Ottubru, fejn Marie Denise Barbara mill-KNPD talbet lill-perit Scerri jagħmel diversi emendi fil-Pjanta u jibgħathomlha *e-mail* biex tkun tista tarahom. Ic-Chairman wiegħed li ser jipprova jgħin kemm jista biex din l-applikazzjoni ma tieħux fit-tul għar-raġuni li jekk idum ma joħrog il-permess il-fondi approvati mil-Ewropa fuq dan il-proġett jintilfu. Ic-Chairman kompla jgħid li hu kien lest li jniżżel iż-żmien tal-konsultazzjoni pubblika minn 20 ġurnata għal 7 t'ijiem.
- Mġarr Hotel: se jiċċekjaw x'se jiġri mill-garanzija li hemm miżmuma l-MEPA u se jiċċekjaw fuq l-aċċess li jrid jitħalla għal-passaġġ li hemm fil-viċin. Il-MEPA se tikkuntatja lil Kunsill ukoll biex tirrispondi l-email li kien bagħat il-Kunsill fuq l-ilmenti tar-residenti li fil-proġett inqata xi blat mis-sies quddiem l-iżvilupp. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lil preżenti li t-Tlieta 25 ta' Settembru ċempel is-Sur Mario Scicluna mill-MEPA fejn saqsa fuq dan l-ilment, u wara li ndaga bagħat risposta lill-Kunsill li s-sies inqata biex jitneħħa xi tank tal-gas li kien mirdum fil-blat.

## 5. Premju Gieh Għajnselmiz

Is-Sindku talab lill preżenti biex jaħsbu f'persuna jew tnejn li jixtiequ jinnominaw għal-laqgħa li jmiss ta' Novembru biex dak in-nhar jintgħażel persuna għal dan il-Ġieh.

## 6. Ċerimonja b'risq il-vittmi tal-Gwerra

Il-Kunsill qabel li din issir nhar l-4 ta' Novembru, fejn issir quddiesa fil-Knisja Madonna ta' Loreto fejn wara issir ċerimonja qasira ħdejn il-Munument tal-Vittmi tal-Gwerra u wara c-Ċimiterju. Tul din ic-ċerimonja l-Kunsill qabel li tindaqq il-fanfarra mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp.

## 7. Bethlehem f'Għajnsielem

Waqt il-laqgħa, il-Kunsill organizza laqgħa mal-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem biex issir diskussjoni fuq dan il-proġett. Preżenti mill-fondazzjoni kien hemm; Carmel Xuereb, Ġużi Mallia, Kevin Cauchi, Frans u Patricia Buttiġieġ kif ukoll Joanne Debrincat. Franco Ciangura iddikjara li huwa ser jitkellem mill-perspettiva tal-Fondazzjoni.

Is-Sindku beda l-laqgħa billi ta' rendikont tal-iżvilupp tal-applikazzjoni mal-MEPA tal-proġett ta' Passi u l-*Christmas Village*. Huwa semma ukoll it-tlett laqgħat li għamel il-Kunsill ma' diversi diretturi tal-MEPA, fosthom mac-Chairman s-sur Austin Walker, mad-Direttur

Chris Borg u managers oħra fi ħdan il-MEPA. Qal ukoll li l-Kunsill flimkien mal-perit iltaqa mal-KNPD fil-MEPA biex isiru l-emendi fil-pjanti minn qabel sabiex ma jintilifx żmien żejjed.

Is-Sindku enfazizza li jekk irid isir Bethlehem f'Għajnsielem il-Kunsill ma kienx ser isib oġġezzjoni u kien lest li jagħti l-appoġġ tiegħu kif dejjem għamel f'dawn l-aħħar 4 snin. Hawn il-Kunsilliera qablu ma dan. Is-Sindku qal li ma kienx hemm problemi rigward il-permess mal-MEPA, bħal ma qiegħed jintqal, għax bħas snin l-imgħoddija l-Kunsill kien lest li jerġgħa japplika b'applikazzjoni ta' DNO u dan kien joħroġ bil-patt li jrid jiżżarma kollox fiż-żmien 3 xhur. Carmel Xuereb sostna li ma jistax isir Bethlehem f'Għajnsielem billi tibni l-kmamar u terġa twaqqa kollox fiż-żmien ta' tlett xhur. Dan il-proċess mhux viabbli u jieħu fil-tul, speċjalment li x'ħin tiġi biex iżżarma, ħadd mill-voluntiera ma jersqu lejn Ta' Passi.

Franco Ciangura, f'isem il-Fondazzjoni rringrazzja lill-Kunsill ta' kull ma għamel mal-Fondazzjoni tul dawn l-aħħar 4 snin. Huwa stqarr li l-problema tal-fondazzjoni hi li għejjiet tarma u żżarma dan il-villaġġ sħieħ u m'humiex lesti li jerġgħa jsir fuq permess ta' DNO. Huwa kompla jgħid li l-Fondazzjoni ma tixtieqx li ma jsirx, iżda hemm ħafna żvantaġġi. Hawnhekk, Carmel Xuereb iddikjara li huwa mhux se jieħu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena. Huwa sostna li s-sena l-oħra sar kollu bil-ħila tiegħu tant kemm stinka, iżda din is-sena mhux se jidħol għaliha. Jagħmel dan jekk ikun hemm kumpens ta' flus.

Kevin Cauchi stqarr ma Carmel Xuereb illi l-problema li tibni u żżarma l-kmamar dejjem se tibqa għaliex il-permess ma jkoprix li l-kmamar jibqgħu hemm. Huwa kompla jgħid illi l-permess se jkopri l-passaġġi, l-għadira, l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ u affarijiet oħra pero mhux il-bini tal-kmamar. Is-Sindku qal li il-problema tal-bini tal-għar ser tiġi solvuta appena li joħroġ il-permess tal-applikazzjoni peress li huwa progettat li jinbena f'żona ta' żvilupp, cioe wara l-Każin tal-Banda.

Joanne Debrincat stqarret li fl-opinjoni tagħha l-iżball sar meta l-kmamar ingħataw lill-għaqdiet biex jagħmlu l-kummerc minnhom u qatt ma taw xejn lill-Fondazzjoni. L-aħjar ħaġa kienet tkun li jinġabru l-flus tal-bejgħ kollu mill-Fondazzjoni u mbagħad jitqassmu bejn l-għaqdiet.

F' din il-lagħqa deher ċar li l-problema biex isir dan il-proġett din is-sena hija li m'hemmx volontiera biex jarmaw u jżarmaw dan il-villaġġ. Kif sostna Carmel Xuereb, l-voluntiera ta' kuljum jew ma jistgħux jattendu din is-sena għal raġunijiet personali jew ma wrew entużjażmu ta' xejn biex jattendu bħas-snin l-imgħoddija.

Il-Fondazzjoni ddikjarat li għal din is-sena mhux possibli li jsir Bethlehem f'Għajnsielem għal-diversi raġunijiet, fosthom nuqqas kbir ta' volontarjat.

Joanne Debrincat flimkien mas-Sindku ssuġġerew li ssir laqgħa pubblika fuq is-sitwazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem organizzata mill-Kunsill u mill-Fondazzjoni fejn il-preżenti qablu li ssir nhar it-Tnejn, 8 t'Ottubru fis-6.00 p.m. fis-Sala tal-Każin tal-Banda. Il-poplu kollu tar-raħal ser ikun mistieden flimkien mal-Għaqdiet u l-voluntiera. Ser ikun hemm avviż fuq il-Bulettin.

## 8. Materji oħra

Peter Caruana

- isir restawr lil-bust ta' Fr. Bern Hersey – il-Kunsill qabel li jitqabbad Rudolph Cauchi biex jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li fil-każ issir maintenance ukoll fuq l-istatwa tal-Monument tal-Pjazza tad-Dehra. Il-Kunsill qabel ukoll.
- Żvilupp fuq ir-rotta tal-Arriva – is-Segretarju Eżekuttiv stqarret li ltaqgħet ma Ruben Said minn Transport Malta fejn bil-fomm informa lis-Segretarju Eżekuttiv li l-proposta tal-Kunsill ma tistax tiġi milqugħa għaliex l-*bus* ma' tagħddix min Triq Fawwara għal-Pjazza Madonna ta' Loreto. Is-Segretarju Eżekuttiv għadha trid tirċievi bil-miktub din ir-risposta.

Larry Buttiġieġ

- Blat perikoluż li qed jaqa u jiġi fil-Bajja tax-Xatt l-Aħmar fejn jista jkun ta' periklu kbir għal min ikun qed jaqsam mil-moll tal-Ingliżi għal fejn il-kamra imsejħa tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel li tinkiteb e-mail lid-Direttur Manuel Tabone fil-Ministeru għal-Għawdex biex jittieħdu malajr l-passi neċessarji biex dan il-periklu jitneħħa.
- Fontana fil-Pjazza 10 ta' Diċembru – is-Sindku rrisponda li hemmhekk m'hemmx meter tad-dawl. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni għal-wieħed.
- Żviluppi fuq il-website – is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li ltaqghet ma' Kevin Cauchi u Joseph Sultana fejn ġie deċiż li sal-laqgha li jmiss se jipprovdu temporanjament din il-website għal-kummenti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li jintuża l-*domain* www.ghajnsielemlc.com
- Training fl-iskola primarja – is-Sindku rrisponda li rigward dik is-siegħa ta' sport tas-softball darba fil-ġimgħa lit-tfal fil-ħin tal-iskola, il-Madam talbitu biex issir rikjesta bil-miktub mingħand Joseph Scicluna, sabiex tkun tista tressaqha lill-Kunsill Skolastiku għall approvazzjoni. Fuq it-training tal-gowlers wara l-ħin tal-iskola, stqarret illi hi m'issibx oġġezzjoni pero tkun trid tqabbad lill xi ħadd mill-istaff tagħha biex jaħdem tul il-ħin ta' dan it-training fejn il-Club tal-Football ikun irid jaċċetta li jħallas ta' dan ix-xogħol extra. Hi tablet ukoll biex issir rikjesta bil-miktub mingħand Għajnsielem Football Club.
- Kids Fair kienet suċċess kbir din is-sena u għalhekk issuġġerixxa li ssir waħda simili f'Diċembru bħala parti mil-Ġimgħa t'Għajnsielem jekk kemm il-darba Betlehem f' Għajnsielem ma jsirx. Il-Kunsill qabel li din kienet idea tajba pero jiddeċiedi fil-laqgħa li jmiss skond l-iżviluppi fuq Bethlehem f'Għajnsielem.

Francis Cauchi

- *Double yellow line* fit-Triq Fuq l-Għajn – is-Sindku stqarr li wara li l-Kunsill kien kiteb lis-sur Spiteri biex iġib l-approvazzjoni mis-sidien tal-faċċata għal dawn il-yellow lines, is-sur Jason Spiteri bagħat ittra fejn ikkwota b'kopja tal-liġi tat-Transport Malta li dawn il-linji jistgħu jsiru mingħajr il-permess tas-sidien tal-faċċata kemm il-

darba l-każ ikun ġenwin. F'din l-ittra s-Sur Spiteri qal li faċċata tiegħu, l-post huwa vakanti. Il-Kunsill qabel li s-Sindku ghandu jitkellem mas-Sur Spiteri sabiex jintlaħaq ftiehim.

Franco Ciangura

- Issuġġerixxa li jsir xi tip ta' *follow up* tal-materji li jgħidu l-Kunsilliera – is-Segretarju Eżekuttiv qablet ma dan il-punt u se tagħmel minn kollox biex tinforma lill-Kunsilliera bl-iżviluppi tal-materji li jkunu ġew imresqa.
- Fis-serata tal-*launch* tat-team tas-soft ball, se jkun hemm xi tip ta' media? – il-Kunsill qabel li jkellem lis-sur Alvin Scicluna biex jittellgħa xi feature fuq Għawdex Illum.
- Issir *roll up* bl-arma tal-Kunsill biex tkun tista tintuża għal-konferenzi. Il-Kunsill qabel li jsir dan.
- Gandott fit-Triq Guseppi Cauchi – is-Sindku se jieħu ħsieb li jsir bil-konkos.
- Harġa kulturali għal-Malta u oħra f'Għawdex – ġie deċiż li ssir ħarġa għal-Malta nhar il-11 ta' Diċembru u oħra f'Għawdex fil-bidu ta' Novembru.
- Ittajjar tifel fuq iz-zebra cross fit-Triq l-Mgarr (quddiem Ta' Dirjanu) u staqsa jekk hux possibli li jsir pelican lights fuq din iz-zebra crossing u jitwal d-double line fit-Triq il-Moghdija. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil-Transport Malta għal-pelikan lights, u jiċċekja kemm huma twal id-double yellow lines biex isiru f'konformi mal-Liġi.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-lagħqa li jmiss issir nhar l-Erbgha, 7 ta' Novembru fis-4.00 pm, is-Sindku ddikjara l-lagħqa magħluqa fit-10.00pm.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Amanda Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |